MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 110/2008

**Av. Peter Fenech (I.D. Card Nru. 67468M)**

**Vs**

**Miriam Dalli bhala editrici ta' One News**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mill-attur permezz ta' liema jitlob li, prevja dikjarazzjoni li il-kontenut ta' l-ahbarijiet imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008, li tieghu l-konvenuta hija l-editrici, fejn gie imxandar illi l-Prim' Ministru Lawrence Gonz hafer lill-attur dejn ammontanti ghal €256,217, Dok. "PF1" u Dok. "PF2" annessi mar-Rikors, jikkontjeni fatti foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur li ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallsu dik is-somma Minnha determinata bhala danni morali a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa, Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u cioè Dok. “PF1”[1] li huwa tape mahrug mill-Awtorità tax-Xandir relattiv ghall-ahbarijiet imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta’ Frar 2008 u Dok. “PF2”[2] li huwa traskrizzjoni tar-rapport imxandar;

Rat ir-Risposta tal-konvenuta permezz ta’ liema teccepixxi li: (i) it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-Ligi; (ii) li f’kull kaz il-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu; (iii) inoltre subordinatament u bla pregudizzju, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti f’espressjoni ta’ l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, ta’ l-awtur u hija *fair comment* dwar persunagg pubbliku fuq materja ta’ interess pubbliku dwar fatti sostanzjalment veri, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta’ l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem; u li (iv) evidentement il-bran imsemmi mill-attur jirrifletti kritika politika u fehmiet u apprezzament ta’ l-awtur fuq materja ta’ interess pubbliku, dwar l-amministrazzjoni pubblika;

Rat l-affidavit ta’ l-attur u d-dokumenti annessi mieghu a fol. 12 sa’ 43 tal-process, semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta’ l-attur moghtija waqt is-seduti tat-13 ta’ Ottubru 2008[3] u tat-23 ta’ Ottubru 2008[4] u rat id-dokumenti esebiti mill-attur waqt l-ahhar imsemmija seduta a fol. 56 sa’ 82 tal-process, semghet ix-xhieda ta’ Margaret Falzon, rapprezentant tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet, moghtija waqt is-seduta tat-13 ta’ Novembru 2008[5] u rat id-dokumenti esebiti minnha u markati bhala Dok. “MF1” sa’ Dok. “MF3” a fol. 90 sa’ 92 tal-process;

Rat il-verbali datati 9 ta’ Marzu 2010[6] u 22 ta’ Ottubru 2010[7] fejn il-partijiet kontendenti qablu li l-provi migbura

---

[1] Fol. 2 tal-process.
[2] Fol. 3 tal-process.
[3] Fol. 46 sa’ 49 tal-process.
[4] Fol. 54 sa’ 55 tal-process.
[5] Fol. 87 sa’ 89 tal-process.
[6] Fol. 103 tal-process.
[7] Fol. 109 tal-process.

fil-kawza Rikors Nru. 98/08 fl-ismijiet "Av. Peter Fenech v. Miriam Dalli et" ghandhom japplikaw ghal din il-kawza u vice versa;

Rat il-verbal tad-difensur tal-konvenuta datat 22 ta' Ottubru 2010[8];

Rat u kkunsidrat ix-xhieda u provi prodotti mill-partijiet kontendenti fil-kawza fl-ismijiet "Av. Peter Fenech v. Miriam Dalli et", Rik. Nru. 98/08 u partikolarment l-affidavit ta' l-attur u d-dokumenti esebiti minnu[9], il-kontro-ezami ta' l-attur moghti waqt is-seduta tat-22 ta' Settembru 2008[10], id-dokumenti esebiti mill-attur a fol. 49 sa' 59 tal-process u a fol. 66 sa' 69 tal-process, ix-xhieda moghtija mill-Kummissarju ta' l-Artijiet Albert Mamo waqt is-seduta tas-16 ta' Gunju 2009[11] u d-dokumenti esebiti minnu a fol. 81 u a fol. 90 sa' 93 tal-process, u x-xhieda moghtija mill-konvenuta Miriam Dalli waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2009[12] u d-dokumenti esebiti minnha a fol. 85 sa' 88 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni tal-kawza da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob li l-Qorti: (i) tiddikjara li l-kontenut ta' l-ahbarijiet imxandra fuq Super One Radio fl-25 ta' Frar 2008, li tieghu l-konvenuta hi l-editrici, fejn gie mxandar illi l-Prim' Ministru Lawrence Gonzi hafer lill-attur dejn ammontanti ghal €256,217.00, jikkontjeni fatti foloz u malafamanti fil-konfront tieghu li ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu; u konsegwentement (ii) tikkundanna lill-konvenuta thallsu dik is-somma likwidata mill-Qorti in linea ta' danni ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

8 *Ibid.*
9 Fol. 13 sa' 43 tal-process bir-Rikors Nru. 98/08.
10 Fol. 45 sa' 47 tal-process bir-Rikors Nru. 98/08.
11 Fol. 76 sa' 79 tal-process bir-Rikors Nru. 98/08.
12 Fol. 83 sa' 84 tal-process bir-Rikors Nru. 98/08.

Il-konvenuta tilqa' ghat-talbiet attrici bl-eccezzjonijiet li l-istess talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex l-ahbar kontestata mill-attur ma hijiex libelluza fil-konfront tieghu u fejn din tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, tikkonsisti f'*value judgement* ta' l-awtur u hija *fair comment* dwar persunagg pubbliku fuq materja ta' interess pubbliku dwar fatti sostanzjalment veri, ammissibbli fil-Ligi ta' l-Istampa, fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem. Teccepixxi wkoll li l-ahbar kontestata mill-attur tirrifletti kritika politika u fehmiet u apprezzament ta' l-awtur fuq materja ta' interess pubbliku dwar l-amministrazzjoni pubblika.

Qabel ma tittratta l-mertu ta' din il-kawza u tghaddi biex taghti s-sentenza, il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tindirizza l-kwistjoni sollevata mid-difensur tal-konvenuta waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2010 fejn ivverbalizza li *l-konvenuta tinnota illi b'digriet tal-1 t'April 2010, il-Prim' Imhallef Vincent Degaetano arbitrarjament u minghajr raguni dikjarata qabad numru ta' kawzi fosthom tal-istess konvenuta u biddlilhom il-Magistrat li kienet qed tippresjedi fil-kawza meta l-kawza kienet matura u kien jonqos biss it-trattazzjoni. Il-konvenuta tinnota wkoll li l-kawza giet riappuntata u l-istess konvenuta qatt ma gie mgharrfa li din il-kawza ma baqghetx appuntata u qatt ma giet nfurmata b'xi astensjoni jew xi rikuza u ghalhekk jixtieq jirregistra ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi l-irregolarita' u nuqqas ta' trasparenza f'dan kollu suespost.*

Huwa evidenti li b'dan il-verbal qed tigi kontestata l-validità ta' l-assenjazzjoni ta' din il-kawza quddiem il-Qorti kif issa presjeduta. Tali kontestazzjoni kjarament tpoggi fid-dubju kem din il-Qorti kif presjeduta tista' tittratta u tiddeciedi l-kawza u huwa minhabba f'tali dubju li l-Qorti kif presjeduta thoss li ghandha tidhol f'din il-kwistjoni.

Din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif issa presjeduta b'Digriet tal-Prim' Imhallef Vincent De Gaetano ta' l-1 ta' April 2010[13], a tenur ta' l-Artikolu 29(8) tal-Kap.12 tal-

[13] Fol. 104 u 105 tal-process.

Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-Ligi jipprovdi li *minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-Prim' Imhallef jista', fid-diskrezzjoni tieghu, jittrasferixxi kull kawza minn qorti ghal ohra: Izda fl-esekuzzjoni ta' din il-funzjoni l-Prim' Imhallef ghandu jiddiskuti l-kwistjoni ma' l-imhallfin jew il-magistrati interessati, jew waqt xi wahda mill-laqghat imsejha skond is-subartikolu (6) jew waqt laqgha ad hoc mizmuma ghal dan il-ghan*.

Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car li hija fid-diskrezzjoni tal-Prim' Imhallef jekk kawza tigix assenjata minn membru tal-gudikatura ghal fuq iehor u ma huwiex obbligat li jirrendi pubblika ir-raguni ghalfejn tkun sehhet tal-assenjazzjoni. Kuntrarjament ghal dak pretiz mid-difensur tal-konvenuta, ai termini tal-Ligi l-kwistjoni tigi diskussa bejn il-Prim' Imhallef u l-membri tal-gudikatura involuti u mhux ukoll mal-partijiet kontendenti.

Ghal dak li jirrigwarda in-notifika tar-rikuza lill-partijiet kontedenti, l-Artikolu 11(7) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *kull assenjazzjoni, tibdil jew surroga maghmulin mill-President ta' Malta, u kull tqassim ta' dmirijiet in generali, u kull assenjazzjoni ta' kazijiet bhala rizultat ta' rikuza jew astensjoni maghmula mill-Prim' Imhallef jew, kif ikun il-kaz, mill-Imhallef Anzjan Amminsitrattiv imsemmi fis-subartikolu (11), ghandhom jitqiesu li jkunu gew notifikati kif imiss u bizzejjed ghall-finijiet kollha jekk jitwahhal avviz dwarhom f'dak ir-registru li l-Ministru jista' jippreskrivi ghal dan il-ghan taht l-artikolu 27 qabel jew malli jibda l-perijodu li fih dik l-assenjazzjoni, dak it-tibdil, dik is-surroga jew dak it-tqassim ghandhom isehhu.*

Din hija l-procedura li giet segwita f'dan il-kaz kif jirrizulta mill-annotazzjoni tar-Registratur tal-Qorti a fol. 105 tal-process u ghalhekk dak dispost mill-Ligi gie segwit.

B'hekk ikkunsidrati l-imsemmija provvedimenti tal-Ligi, jirrizulta li l-procedura ta' l-assenjazzjoni tal-kawza quddiem din il-Qorti kif issa presjeduta saret ai termini tal-Ligi u ghaldaqstant ma hemm ebda raguni ghalfejn il-Qorti kif presjeduta ma ghandhiex tittratta u tiddeciedi dan il-kaz.

Sorvolata din il-kwistjoni issa jehtieg li jigi trattat il-mertu tal-kawza in ezami.

L-ahbar kontestata mill-attur b'dawn il-proceduri hi dik imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008, introdotta bil-*headline "Lawrence Gonzi hafer mitejn sitta u hamsin elf ewro lil Peter Fenech alleat kbir tal-Partit Nazzjonalista. Is-somma ta' ftit aktar minn kwart ta' miljun ewro kellha tithallas mill-VAB Co. Ltd. bhala kera lil gvern ta' sit Jumbo Lido, Tigne, Tas-Sliema"* fejn fiha nghad li *Il-kumpanija VAB Co. Ltd. kellha zewg diretturi l-Avukat Peter Fenech, qrib hafna tal-Partit Nazzjonalista b'mod partikolari tal-Ministru Louis Galea, u missieru. Il-post kien ghadda ghal 25 sena ghand il-kumpanija ta' Fenech fl-1989, sentejn wara li l-Partit Nazzjonalista rebah l-elezzjoni ta' 87. Izda fi 3 ta' Ottubru 2005, hmistax-il sena wara li sar dan il-ftehim intlahaq qbil li l-kuntratt tal-fond ikun itterminat. Il-qbil sar bejn il-kumpanija ta' Fenech u l-Kummissarju ta' l-Artijiet li qed jagixxi f'isem il-gvern. Kien b'rizultat ta' dan il-ftehim li l-gvern hafer id-dejn kollu li l-kumpanija ta' Fenech kellha mal-gvern, dejn li jaqbez l-elfejn sitta u hamsin ewro. Kull sena il-kumpanija ta' Fenech suppost kienet thallas l-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf ewro. Irrizulta li l-kumpanija ta' Fenech kienet ilha ma thallas il-kera dovuta ghal diversi snin. Izda madwar sena wara li Lawrence Gonzi ha t-tmexxija tal-Ministeru tal-Finanzi f'idejh id-dejn kollu tal-kumpanija ta' Peter Fenech inhafer. Dokumenti li ghandu f'idejh il-gurnal Kulhadd jikxfu kif kien il-Ministeru tal-Finanzi taht ir-responsabilità ta' Lawrence Gonzi li f'korrispondenza datata 25 ta' Lulju 2005 ta l-ordni biex dan id-dejn ikun mahfur. Peter Fenech tant huwa qrib tal-Partit Nazzjonalista li fl-ahhar snin inghata diversi karigi mill-Gvern u fil-prezent huwa c-Chairman ta' Teatru Manoel u Dar il-Mediterran. Ghal dawn il-karigi Fenech jithallas eluf ta' ewro anke jekk huwa impjegat fuq bazi part-time. Fid-29 ta' Jannar One News irrapporta kif Marisa Camilleri ta' 42 sena resqet rikors fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili kontra l-kumpanija VAB. Camilleri qed issostni li VAB Ltd. ghamlet ftehim maghha li fih thallsu l-flus lil VAB meta dan it-tip ta' ftehim kien illegali. Camilleri qed issostni li d-Diretturi tal-*

*VAB hbewlha klawsola li kellhom mal-Gvern jigifieri li l-Lido ma setghu jghadduh lil hadd u ghamlu management agreement maghha."*

Fl-affidavit tieghu l-attur spiega b'mod dettaljat ghaliex hassu ingurjat u malafamat kemm bil-*headline* kif ukoll bil-kontenut ta' din l-ahbar: *Jiena hassejtni immalafamat kemm bil-headlines ta' l-ahbarijiet kif ukoll bis-servizz innifsu. Il-headlines ta' l-ahbarijiet li inqraw hekk kif beda l-bullettin ta' l-ahbarijiet kif ukoll fl-ahhar tal-ahbarijiet inghad li Lawrence Gonzi jahfer aktar minn kwart ta' miljun ewro dovuti lil Gvern minn Peter Fenech alleat kbir tal-Partit Nazzjonalista. Niddikjara li jiena hassejtni malafamat bil-headlines ghaliex huwa inveritjier u miktub appositament sabiex jaghmel hsara …… jiena qatt ma kelli naghti s-somma hemm allegata lill-Gvern. Konsegwentement nikkonferma li la lili personalment u lanqas lil xi kumpanija tieghi, il-Gvern qatt ma hafirli l-ebda ammont ta' flus u lanqas is-somma imsemmija fl-artikolu. L-artikolu jwassal lil dak li jkun li jemmen li jiena personalment jew fl-ahjar ipotesi, kumpanija tieghi, nhafritilha dan id-dejn. Minn fuq dawn il-falzitajiet jinbena argument li lili jingurjani. Fil-verita din il-kumpanija mhiex tieghi, jiena biss direttur taghha, lanqas ma jien azzjonist ta' ishma wahda f'din il-kumpanija, fil-fatt jien azzjonist ta' terz minn ishma wahda minn eluf ta' ishma li hemm fil-kumpannija imsemmija. … L-editur u l-awtur ghazlu li jimplikaw lili semplicement sabiex jippruvaw juzawni u jattakkaw lill-Gvern b'dan il-ftehim u dan semplicement ghaliex jiena habib ta' l-ex Ministru Louis Galea, li naturalment semmghuh minnufih hekk kif bdew bis-servizz li minnu qed nilmenta. Minkejja li l-kumpanija hija entità legali separata, kif ukoll m'iniex azzjonist taghha, ghazlu konxjament li juzaw lili sabiex jippruvaw jaghtu u jnisgu konnessjoni politika bhala raguni ghall-ftehim, kif ukoll semblanza ta' pjaciri u skandli politici. Niddikjara li jiena personalment la ghandi u la qatt kelli xi dejn mal-Gvern. Dawn l-akkuzi huma serji, malafamanti u jnaqqsu kemm mir-reputazzjoni professjonali kif ukoll l-integrità tieghi…*[14].

[14] Fol. 12 u 13 tal-process.

Mill-affidavit ta’ l-attur johrog car li ma huwiex qed jikkontesta l-veracità *per se* tal-fatt li ntlahaq ftehim bejn il-Gvern u s-socjetà V.A.B. Company Ltd., fejn il-Gvern irrinunzja ghall-gbir ta’ l-arretrati ta’ cens dovuti minn dik is-socjetà rigward *beach concession* fuq art gewwa Tignè, izda jikkontesta s-*slant* politika ta’ din l-ahbar, partikolarment il-fatt li ismu gie allaccjat mal-ftehim milhuq bejn il-Gvern u s-socjetà V.A.B. Company Limited biex tigi sostanzjata l-insinwati konnessjoni politika, pjaciri u skandli politici.

Kif già osservat il-konvenuta tilqa’ ghall-pretensjonijiet ta’ l-attur bil-kontestazzjoni li l-ahbar in kwistjoni tikkonsisti *f’value judgement* ta’ l-awtur u *fair comment* dwar persunagg pubbliku fuq materja ta’ interess pubbliku dwar fatti sostanzjalment veri, liema *value judgement* u *fair comment* huma ammissibbli fil-Ligi ta’ l-Istampa, fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **L-Onorevoli Lorry Sant M.P. v. Victor Camilleri et**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ Novembru 1991 u kkonfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Frar 1994[15], *it-test biex jigi ddeterminat jekk il-kritika hiex wahda accettabbli jew le, hu dak li jirrispondi ghad-domanda li jaghmel il-Gatley “On Libel and Slander” (pp.342 et seq):- Would any fair man, however prejudiced he might be, however exaggerated or obstinate his views, have written this criticism?”. L-oneru tal-prova li s-suggett li dwaru nkiteb hu wiehed ta’ interess pubbliku, li fatti li fuqhom hu bbazat l-artikolu, hua veru u li d-diskors jikkostitwixxi ‘fair comment’ fuqu, jinkombi fuq il-konvenut. Il-konvenuti jridu jipprovaw: (a) that the statements of fact are true or that there has been no misstatement of facts in the statement of the materials upon which the comment was based; and (b) that the comment based on such facts is warranted in the sense that fair minded men might buona fide hold the opinion*

[15] Kollezzjoni ta’ Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta’ Malta, Vol. LXXVIII – II – i – 67.

*expressed upon them*. Dawn huma l-kriterji li jridu jigu sodisfatti mill-konvenuta sabiex id-difiza taghha tirnexxi.

Il-fatt li l-attur huwa jew jista' jitqies bhala persunagg pubbliku ma jidhirx li qed jigi kontestat minnu u fil-verità tali fatt lanqas jista' jigi validament kontestat meta huwa rikonoxxut li l-attur izomm diversi karigi ta' natura pubblika bhal ad ezempju l-kariga ta' Chairperson tal-Mediterranean Conference Centre. Lanqas hemm, u del resto lanqas ghandu jkun hemm, kontestazzjoni dwar il-fatt li l-agir ta' l-amministrazzjoni pubblika huwa materja ta' interess pubbliku li dwaru jista' u ghandu jsir rappurtagg gornalistiku.

Filwaqt li huwa rikonoxxut li fejn si tratta ta' materja ta' interess pubbliku fejn ikunu involuti persuni pubblici l-margini tal-kritika hija iktar wiesgha, tant illi tista' tkun f'certa kazijiet harxa w anke azzardata, jibqa' impregudikat il-principju li id-dritt ta' dak li jkun – anke jekk persuna pubblika – ghat-tutela tar-reputazzjoni tieghu, ma jistax jigi kalpestat f'gieh il-libertà ta' l-espressjoni u bl-iskuza tal-*fair comment* u *value judgement*.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom, is-sentenza fl-ismijiet **Joseph R. Darmanin v. Gino Cauchi et, Appell Civili Nru. 298/02**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Frar 2004, fejn inghad *biex id-divulgazzjoni bi kwalsiasi mod ta' informazzjoni titqies ezercizzju lecitu tad-dritt liberu ta' l-espressjoni jridu jikkonkorru s-segwenti kondizzjonijiet:- (a) il-verità oggettiva tal-fatti esposti basta li din tkun ir-rizultat ta' ricerka diligenti u serja dwar fatti fil-kompletezza taghhom; (b) l-interess tal-pubbliku li jinghata gharfien tal-fatti; (c) l-korrettezza jew kontinenza ta' l-espressjoni tal-fatti*. *Dan fis-sens illi din tkun tissodisfa l-interess generali tal-konoxxenza tal-fatti determinati ottenuti wara indagini orjentata li taghraf dak li hu ta' rilevanza*. *Meta allura l-kliem attribwit li intqal mill-attur, jew il-fatti rakkontati fir-rigward tieghu, ma jigux ipprovat ghal dik li hi veracità dan indubbjament inaqqas il-gieh u l-istima f'ghajnejn il-pubbliku in generali,* is-sentenza fl-ismijiet **Alfred Zammit**

**v. Anton Attard, Appell Civili Nru. 66/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Gunju 2008, fejn inghad illi *l-libertà ta' l-espressjoni hi kondizzjonata, kwantu ghal-legittimità ta' l-ezercizzju taghha, ghall-osservanza tal-limiti tal-korrettezza ta' l-esposizzjoni. Dan fis-sens illi jkun assikurat illi ma jigix eccedut il-limitu ta' dak li hu strettament necessarju ghas-sodisfaciment ta' l-interess pubbliku. Kienet il-Qorti ta' l-Appell kolleggjali illi filwaqt li osservat li l-izvilupp tal-ligijiet wessghu l-konfini tal-legittimità tad-dritt ta' l-espressjoni, tenniet ukoll illi dak l-istess zvilupp fis-sistema legali taghna ma jissarrafx f'passaport ta' immunita … Richard Vella Bamber v. Felix Agius et, 20 ta' Lulju, 1994. F'kazijiet ta' din ix-xorta hu dejjem desiderabbli illi l-interpretu jfittex dik il-qaghda oggettiva tal-bilancjament bejn it-tutela tad-dritt soggettiv ghall-espressjoni tal-fehmiet liberi u dak tal-harsien oggettiv ghar-reputazzjoni, id-dinjità u l-imagini personali tas-singolu fis-socjetà. Li jfisser, illi anke koncessa l-latitudni xierqa ghall-espressjoni libera f'materja ta' notizja ta' interess pubbliku, ir-ricerka trid dejjem tkun jekk it-telespettatur jew il-qarriej jew is-semmiegh tqieghedx fil-posizzjoni li jkollu quddiemu l-fatti kollha, fil-verità shiha taghhom. Ma jistax allura jkun pretiz illi taht il-paraventu tal-liberta ta' l-espressjoni tinghata licenzja li wiehed jirrapprezenta l-fatti kif irid u jaqbillu anke jekk jinstab li dawn ma humiex hekk rapprezentativi tal-fatti veri kif issuccedew. Ma jidherx lanqas li s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, jikkoncedu, f'dawn id-dati cirkustanzi, xi brevett ta' immunita mill-kosegwent guridici li jitnisslu mill-hsara tar-reputazzjoni u l-unur ta' haddiehor*, u s-sentenza fl-ismijiet **Joseph Ciantar v. Victor Camilleri, Appell Civili Nru. 569/03** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-3 ta' Ottubru 2008, fejn inghad illi *l-Qorti hi konxja illi l-kumment jew il-kritika ta' l-operat ta' persuni pubblici hi dejjem bzonnjuza f'socjetà demokratika. Mill-banda l-ohra, meta dik it-tutela timplika, bla ebda gustifikazzjoni, gudizzju ta' dizvalur fuq ir-reputazzjoni tal-persuna kkritikata, dik l-istess kritika ma tistax ma tkunx ghal dik li hi l-legittimità ta' l-ezercizzju taghha, kondizzjonata ghall-osservanza ta' certi limiti gusti. Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Superjuri, f'certi decizjonijiet recensjuri taghha, ghalkemm il-margini*

*ossija latitudini ghal kritika hija aktar wiesgha meta si tratta ta' ufficjali pubblici u specjalment ta' nies fil-politika, u l-imgieba taghhom tista' tkun soggetta ghal kritika, anke harxa, kulhadd – anke l-politici – ghandhom dritt ghar-reputazzjoni taghhom – Onor. Eddie Fenech Adami et v. Malta Labour Party et, 9 ta' Frar 2007 u Onor. Prim' Ministru Dr. Alfred Sant v. Onor. Dr. Austin Gatt et, 29 ta' Ottubru 2007*.

Mhux kull kumment u opinjoni huma *fair comment* u *value judgement*, biex ikunu tali jehtieg li jkunu bazati fuq fatti sostanzjalment veri u mhux fuq mera *allegation of fact*.

Din l-osservazzjoni wkoll issib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali, fosthom il-precitata sentenza **Zammit v. Attard**, fejn gie osservat li *biex l-eccezzjoni tal-'fair comment' tkun tista' tigi sostnuta: (1) It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of; (2) The facts must be sufficiently true to make the comment fair; (3) <u>If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives or perhaps any inference of fact the comment must be shown to be justifiable</u>; (4) The comment by such as fairly to be described as criticism; (5) The comment must represent the honest opinion of the commentator and he produced it without malice"*, is-sentenza **Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agius et, Citaz. Nru. 1286/00** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Settembru 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 2005, fejn inghad illi *huwa accettat li jekk il-kumment ikun 'gust' ma jaqax taht il-pieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bhala 'gusti' hija wahda li taghti lok ghal problemi kbar minhabba li mhix wahda cara. Biex il-kumment ikun wiehed 'gust', jehtieg li jkun imsejjes fuq hwejjeg li sostanzjalment sehhew li jkunu l-fatti shah. Jekk jirrizulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jezisti ma tkunx tista' triegi aktar id-difiza tal-kumment gust. Il-fatt irid jigi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment gust dwaru, daqskemm tant iehor irid jipprova li s-suggett li dwaru nkiteb tali kumment kien wiehed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wiehed 'gust'. Kif jintwera li l-fatti imsemmija kienu*

*sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jigi mistharreg jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd ta' l-espressjoni hielsa kif imfissra aktar qabel*, u is-sentenza fl-ismijiet **Carmel Attard et noe v. Felix Agius, Citaz. Nru. 851/97** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' April 2001, fejn inghad illi *hemm differenza f'li tghid li persuna jew gazzetta hi biased favur xi hadd (ghax thoss li ghandha taghmel hekk), u li tghid li din qed tigi manipulata minn xi haddiehor. Fl-ewwel kaz hija kwistjoni ta' opinjoni u wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx maghha, izda meta tghid li persuna jew gazzetta qed tigi manipulata dan huwa statement of fact u mhux value judgement u ghalhekk dan il-fatt irid ikun veru u jrid jigi pruvat bhala tali biex wiehed ikun jista' jigbed il-konkluzzjonijiet tieghu fuqu.*

Il-provi li fuqhom il-konvenuta tibbaza l-verità sostanzjali tal-fatti rappurtati fl-ahbar imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008, huma (i) ittra datata 5 ta' Mejju 2005 da parte ta' Frank Fenech, Chairman tas-socjetà V.A.B. Company Limited, lill-Kummissarju ta' l-Artijiet, fejn jinghad illi *unfortunately the company has run into difficult circumstances and is not in a position to operate the premises further and to see the contract out till the end of the twenty five year period. In view of the above the company is willing to return the land together with the premises built in lieu of outstanding rent. You may wish to appreciate that this is the only asset which the company possesses*[16]; (ii) ittra datata 25 ta' Gunju 2005 mill-Kummissarju ta' l-Artijiet lill-Ministeru tal-Finanzi fejn il-proposta tas-socjetà V.A.B. Company Limited tressqet ghall-konsiderazzjoni u konsegwenti approvazzjoni da parte tal-Ministru tal-Finanzi[17]; (iii) il-minuti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet fuq liema hija ibbazata l-ittra tal-25 ta' Gunju 2005[18]; (iv) ittra mahruga mill-Ministeru tal-Finanzi datata 25 ta' Lulju 2005 fejn jinghad li *on the understanding that no precedent should be created, Finance approval has been granted for the waiving off of outstanding rent up to*

[16] Dok. "MF1" a fol. 90 tal-process.
[17] Dok. "MF2" a fol. 91 tal-process.
[18] Dok. "B" u Dok. "C" a fol. 91 sa' 93 tal-process bir-Rikors Nru. 98/08.

*date of deed of rescission of emphyteutical grant of a plot of land at Qui-Si-Sana to Messrs VAB Company Ltd, which came into effect on 31st January 1989*[19], u (v) kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli datat 3 ta' Ottubru 2005 bejn il-Gvern u VAB and Copany Limited[20].

Ghalkemm minn dawn id-dokumenti effettivament jirrizulta li bis-sahha ta' ittra datata 25 ta' Lulju 2005, il-Ministru tal-Finanzi kien ta l-approvazzjoni ghall-*waiving off* ta' l-arretrati ta' cens dovuti mis-socjetà V.A.B. Company Limited – socjetà in parte proprjetà ta' Frank Fenech, missier l-attur – ghall-koncessjoni enfitewtika ta' art fi Qui-Si-Sana, u konsegwentement b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vincent Miceli datat 3 ta' Ottubru 2005, il-koncessjoni enfitewtika bejn il-Gvern u VAB and Company Limited giet terminata u gie *inter alia* miftiehem li *all outstanding payment of ground rent due up to this day is to be written off as shown on a letter issued by the Ministry of Finance and dated twenty fifth day of July two thousand and fice, copy of which is attached hereto and marked document "Z" and hence no amount of money is due to the Government of Malta by the emphyteuta by way of any outstanding groundrent or other dues or expenses resulting from the above referred agreement dated the twenty fourth of May of the year one thousand nine hundred and eighty nine other than those hereunder stipulated*, l-ahbar imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008 ma kenitx limitata ghal dawn il-fatti izda marret oltre u gie insinwat li l-arretrati ta' cens gew *waived off*, jew kif jinghad fl-ahbar 'mahfura', lis-socjetà V.A.B. Company Limited minhabba fl-attur, deskritt bhala alleat kbir tal-Partit Nazzjonalista.

Fl-ahbar kontestata saret enfasi qawwija fuq l-affermazzjoni li s-socjetà V.A.B. Company Limited hija ta' l-attur u fuq l-affermazzjoni li l-attur huwa habib kbir ta' l-ex-Ministru Louis Galea. Fuq il-bazi ta' tali enfasi giet minsuga l-insinwazzjoni cara li l-attur kien involut f'atti ta' favoreggjament u abbuz da parte tal-Gvern fejn huwa personalment iggwadanja l-mahfra ta' ammont sostanzjali

---

[19] Dok. "MF3" a fol. 92 tal-process.
[20] Dok. "PF4" a fol. 40 sa' 42 tal-process.

ta' flus. Li dan hu il-messagg li ried jitwassal b'dik l-ahbar hu evidenti ghaliex il-kliem u frazijiet uzati fit-tifsira ordinarja taghhom – li huwa l-parametru li jrid jigi adottat minn din il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha – ma jwassal ghal ebda konkluzzjoni ohra[21]. Kontra dak pretiz mill-konvenuta waqt ix-xhieda li tat fil-proceduri bir-Rikors Nru. 98/08 fl-ismijiet "Av. Peter Fenech v. Miriam Dalli et" waqt is-seduta tas-6 ta' Ottubru 2009[22], il-qofol tal-kwistjoni huwa proprio hawn, u cioè jekk l-insinwazzjonijiet li saru fil-konfront ta' l-attur humiex veri u b'hekk gustifikati jew inkella le.

Kif inghad fill-precitata sentenza **Gulia v. Agius et,** *l-insinwazzjonijiet bla ma huma msejsa minn fatti, maghmulin ghal kwalunkwe raguni (ukoll dik politika) fis-sens li xi hadd ikkorrompa jew li gie korrott* [jew bhal fil-kaz in ezami li gie ffavorit minhabba it-twemmin u affinità politika tieghu]*, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li jqajmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm implikati persuni pubblici*[23].

Mill-provi prodotti, u partikolarment mill-affidavit ta' l-attur[24] u dokumenti Dok. "PF1", Dok. "PF2" u Dok. "PF3" a fol. 16 sa' 39 tal-process, jirrizulta li kontra dak affermat fl-ahbar mxanndra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008, is-socjetà V.A.B. Company Limited ma hijiex di proprjetà ta' l-attur. F'din is-socjetà l-attur huwa biss direttur u *company secretary* u ma ghandu l-ebda *shareholding* dirett fiha. Irrizulta li l-azzjonisti tas-socjetà V.A.B. Company Limited huma Franks Holdings Limited, Dr. Victor Attard Bondi u Frank V. Fenech. L-attur ghandu biss sehem wiehed minn hames mitt sehem fis-socjetà Franks Holdings Limited li giet kostitwita fis-17 ta' Novembru 1987 u dan is-sehem gie trasferit a favur l-attur minn Frank V. Fenech fl-10 ta' Novembru 1988, jigifieri snin qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt ta' terminazzjoni ta' l-enfitewsi fit-3 ta' Novembru 2005, minhabba

[21] Dr. Alfred Sant v. Joe Mikallef, Appell Civili Nru. 664/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2003.
[22] Fol. 83 u 84 tal-process bir-Rikors Nru. 98/08.
[23] Onor. Dr. Gavin Gulia v. David Agius et, Citaz. Nru. 1286/00 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Settembru 2002.
[24] Fol. 12 sa' 14 tal-process.

provvediment legali li dak iz-zmien kien jimponi li socjetà jkollha mill-inqas zewg membri[25].

Fil-fehma tal-Qorti l-konnessjoni ta’ l-attur mas-socjetà V.A.B. Company Limited ghal dak li jirrigwarda *shareholding* hija remota wisq biex l-asserzjoni li V.A.B. Company Limited hija socjetà tieghu titqies bhala wahda fondata u gustifikata. Il-fatt wahdu li l-attur huwa direttur u *company secretary* tas-socjetà V.A.B. Company Limited ma huwiex sufficjenti biex jitqies li l-insinwazzjoni kontenuta fl-ahbar kontestata – u cioè li l-attur kien involut f’atti ta’ favoreggiament u abbuz da parte tal-Gvern ta’ dak iz-zmien – ghandha xi element ta’ verità u hija fondata u gustifikata.

L-ahbar imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta’ Frar 2008 hija nieqsa mill-element ta’ ricerka diligenti u serja dwar il-fatti fil-kompletezza taghhom, ricerka li dwar l-involviment ta’ l-attur fis-socjetà V.A.B. Company Limited setghet facilment issir tramite l-*website* tar-Registru tal-Kumpanniji. Jekk imbaghad tezisti verità differenti minn dik li tirrizulta mir-Registru tal-Kumpanniji, il-Qorti tippretendi li f’dawn il-proceduri kellha tingieb prova konkreta dwarha.

L-ahbar kontestata ghalhekk kellha l-iskop uniku li tohloq fis-semmiegh disprezz fl-amministrazzjoni pubblika ta’ dak iz-zmien u fl-attur ukoll li gie allaccjat ma’ allegati atti ta’ favoreggiament u abbuz da parte tal-Gvern ta’ dak iz-zmien. F’tali cirkostanzi l-konvenuta ma tistax tiggustifika dik l-ahbar wara l-paraventu tal-libertà ta’ l-espressjoni u l-iskuza tal-*fair comment* u *value judgement*. Huwa mod li wiehed jghid li ma jaqbilx ma’ certu agir ta’ l-amministrazzjoni pubblika u jikkritika u jghaddi l-opinjonijiet tieghu fir-rigward izda, hija haga ghal kollox differenti li thammeg ir-reputazzjoni ta’ xi hadd – anke jekk persuna pubblika – b’insinwazzjonijiet foloz u bla bazi fil-konfront tieghu bl-iskop li taghmel u tohloq hsara politika.

25 Artikolu 150 tal-Kap.168 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fil-fehma tal-Qorti l-ahbar imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008 – li tieghu l-konvenuta hija editrici – kienet malafamanti fil-konfront ta' l-attur in kwantu bbazata fuq certa fatti foloz u kellha l-iskop li ttelliflu u tnaqqaslu r-reputazzjoni tieghu.

L-attur jitlob li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu ammont likwidat minn din il-Qorti in linea ta' danni ai termini ta' l-Artikolu 28(1) tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *fil-kaz ta' malafama b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta' dan l-Att, li l-ghan taghha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna, il-qorti civili kompetenti tista' minbarra d-danni li jistghu jintalbu taht xi ligi li tkun fis-sehh f'dak iz-zmien dwar telf jew hsara attwali, taghti lill-persuna offiza somma ta' mhux izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87)* u minnu johrog car li l-likwidazzjoni tad-danni li ghandhom jigu akkordati hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti li ghandha ghal dan il-fini tiehu in konsiderazzjoni l-gravità tal-kaz li jkun quddiemha.

Peress illi fil-fehma tal-Qorti l-insinwazzjonijiet li saru fil-konfront ta' l-attur fl-ahbar imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008 huma ta' certa gravità u serjetà, il-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni minhabba l-malafama kawzata b'dik l-ahbar ghandu jkun fis-somma ta' €2,500.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet ta' l-attur u tiddikjara li l-ahbarijiet imxandra fuq Super One Radio fil-25 ta' Frar 2008, li tieghu l-konvenuta hija l-editrici, jikkontjeni fatti foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur li ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu, tillikwida l-kumpens dovut lill-attur in linea ta' danni a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €2,500 u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' €2,500, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------